# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 217/02mm**

**Reverendu Dun Tarcisio Delicata**

**vs**

**Alfred Taljana u Mary mart l-istess**

**Alfred Taljana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut li fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lill-konvenuti minn din il-Qorti, jizgombraw mill-fond St Thomas, 175 Triq Brared, Birkirkara, u jikkonsenjaw ic-cwievet u l-accessorji kollha li hemm fih lill-attur, liema fond qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Salvi d-drittijiet kollha ghad-danni tal-okkupazzjoni llegali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Dicembru, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew t-talba attrici.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta' tliet xhur sabiex il-konvenuti jizgombraw mill-fond St Thomas, 175 Triq Brarerd, Birkirkara, u jikkonsenjaw ic-cwievet u l-accessorji kollha li hemm fih lill-attur, liema fond qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Deputat Registratur